**(i) Iż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet**

Il-politika monetarja, li tkopri numru ta' miżuri li jinfluwenzaw il-prezz u d-disponibilità tas-self, żviluppat f'ħafna pajjiżi bħala għodda importanti ħafna tal-politika ekonomika. Orjentament monetarju strett, ġeneralment ikkaratterizzat minn rati ta' imgħax reali għolja, jiġi adottat biex tiġi kkontrollata l-espansjoni monetarja u b'hekk titrażżan l-inflazzjoni. Minn naħa l-oħra, orjentament ta' politika monetarja laxka hija kkaratterizzata minn rati ta' imgħax reali baxxi u disponibilità ikbar ta' self, li jgħinu aktar it-tkabbir fl-investiment u fl-infiq. Qed jiġi rikonoxxut dejjem iżjed li għalkemm il-politika monetarja tista' tkattar il-produzzjoni u l-impjiegi fuq żmien qasir, l-effett fuq it-tkabbir tal-produzzjoni fuq żmien itwal hu kemmxejn waħda kajman. Għalhekk, ix-xejra internazzjonali hija li l-banek ċentrali jikkonċentraw fuq iż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet.

B'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-għan ewlieni tal-Bank Ċentrali ta' Malta, hu ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Dan ġie ddefinit mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE bħala ż-żamma tal-inflazzjoni fiż-żona tal-euro, taħt imma viċin it-2% fuq żmien medju. Il-Bank Ċentrali ta' Malta jikkontribwixxi għad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema bil-parteċipazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill Governattiv tal-BĊE.

Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, il-Bank Ċentrali ta' Malta jaħdem b'mod awtonomu u indipendenti, skont il-provvedimenti applikabbli tal-Komunità u tal-liġi Maltija. Il-Bank jfittex ukoll li jkun trasparenti u jagħti kont t'għemilu.

Iżjed tagħrif dwar l-implimentazzjoni u l-istrumenti tal-politika monetarja li l-Bank juża biex iwettaq l-ħidma tiegħu jinsabu fit-taqsimiet dwar il-politika monetarja f'dan is-sit elettroniku.